MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru. 594/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

***EMHEMED SADDAM SALEH DAW***

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **EMHEMED SADDAM ALEH DAW,** iben Saleh u Shadliya nee' Mahlouf, imwieled Tripoli nhar l-24 ta' Settembru 1990, residenti Giorgianis Hotel, kamra numru 544, Triq Santu Wistin, San Giljan u detentur tal-passaport Libyan nru. 615949 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-25 ta' Gunju 2014 ghall-habta tas-sittra neqsin ghaxra ta' filghodu (05:50am) gewwa San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' gizirana, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza ghad-detriment ta' Amado Bara u/jew persuni ohra.
2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fi stat ta' sakra.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom kunsens tal-Avukat Generali, okkorrenza, stqarrija, dikjarazzjoni ta' konsultazzjoni, fotokopja vera tal-passaport tal-imputat u fedina penali.

Semghet l-imputat jiddikjara li ma jifhimx bil-lingwa Maltija u li huwa ndigenti.

Rat li l-Qorti nnominat lil Nadya Lanzon bhala nterpretu sabiex tittraduci mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Maltija u vici versa u lil Dr Alessandro Lia bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju 2014.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkoopera maghha tul l-investigazzjoni, li l-valur tal-oggett misruq huwa de minimis, li l-oggett misruq hija gizirina 'costume jewellery' u din tinsab f'idejn il-Prosekuzzjoni u li l-Prosekuzzjoni m'ghandhiex oggezzjoni li din tinghata lura lil sidha.

Il-Prosekuzzjoni stqarret ukoll illi hija akkuzat lill-imputat bl-aggravju tal-vjolenza peress li mill-investigazzjoni mizmuma minnha rrizultalha li l-imputat kien fil-kumpanija ta' zewg min-nies ohra meta wettaq ir-reat.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 261(a), 262(1)(b), 276 u 388(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat EMHEMED SADAM SALEH DAW hati tal-akkuza kif moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tieghu u tikkundannah disa' xhur prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------